TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 706

KAZ NRU.797

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Paul Mamo

u

Vassallo Builders

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 15 ta' April 1996

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 1 ta' Settembru 1993 b'referenza ME 2/93 Vol II/57 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm ghaxar seduti.

Paul Mamo, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona LL.D. waqt li Vassallo Builders, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet assistita mill-Avukat Raymond Pace LL.D.

L-appellant ikkontenda li gie mkecci ngustament u dan ghaliex qabad mieghu l-Foreman Roger Sammut. Fl-"istatement of case"

sostna li kien tkecca ghaliex wasal tard fuq ix-xoghol minhabba t-traffiku, il-Foreman beda jghajjat mieghu u hu gholla l-vuci ukoll ghax kien provokat mit-tali li pprova jumiljah quddiem shabu. Dan ma kienx jiggustifika l-piena massima ta' tkeccija meta l-Managing Director tal-Kumpanija kien wera ma l-appellant li ma qabilx mat-tkeccija.

Il-Kumpanija itterminat l-impieg ta' L-appellant minhabba l-imgieba negattiva tieghu lejn is-Superjuri fuq il-post tax-xoghol. Fl-"istatement of case" il-Kumpanija qalet li t-tkeccija kienet gustifikata minhabba nuqqas ta' produzzjoni u mgieba hazina li dwarhom kien gie mwissi kemm il-darba. Kien heddet lill-Foreman meta dan kellmu ghax mar tard ghax-xoghol.

Waqt is-smigh tal-kaz u fis-sottomissjonijiet finali l-appellant ikkontenda li t-tkeccija kienet reazzjoni ezagerata ghal incident fuq il-post tax-xoghol li ntuzat biex tinghata lezzjoni lill-impjegati ohra. L-argumenti principali kienu :

a) li l-Managing Director diversi drabi qal li l-Kumpanija ma tittollerax certu tip ta' agir ;

b) li l-appellant fl-ebda hin u bl-ebda mod ma ghamel ghal, jew b'xi mod aggredixxa serjament, lill-Foreman ;

c) li l-Foreman kabbar incident relattivament insinjifikanti ;

d) li t-twissijiet li nghataw lill-appellant ma kienux ta' natura tali li jgeghluh japprezza li kien qed jipperikola l-impieg ;

e) li l-appellant kien haddiem onest li generalment jaghti l-gurnata tax-xoghol tant li l-Kumpanija ma tantx kienet konvinta li kellha tehles minnu ghaliex wara l-incident l-Managing Director kien offrielu li jerga' jahdem maghhom.

Minn naha taghha il-Kumpanija ikkontediet li t-tkeccija kienet gustifikata u skond il-ligi ghaliex l-appellant kien hati ta' nuqqas ta' produzzjoni, ta' mgieba negattiva u arroganza lejn is-superjuri u ta' theddid. L-argumenti ewlenin kienu :

a) li kien naqqas serjament il-produzzjoni u kemm il-darba kien imwissi mill-Foremen u mill-Managing Director ;

b) li minkejja t-twissijiet baqa' ma jatix produzzjoni sodisfacenti ;

c) li wasal biex hedded serjament ufficjal superjuri ghax kelmu dwar nuqqas.

Gew stabbiliti dawn il-fatti :

1. L-appellant kien ghamel perijodu jahdem bl-imqieta u kien ilahhaq produzzjoni gholja izda wara xi zmien beda jahdem bil-gurnata u l-Kumpanija ma kienetx sodisfatta bil-produzzjoni. L-appellant jghid li hu kien qal lill-Kumpanija li ma setghax jahdem aktar fil-gebel ghax kien wegga daru fuq ix-xoghol. Ma rrezultax li giet registrata "injury" jew li ttiehed "injury leave". L-anqas ma gew ipprezentati certifikati medici dwar dan il-korriment. Joe Agius, dak iz-zmien Foreman mal-Kumpanija, xehed li l-appellant kien inbidel minn xoghol

bl-imqieta ghal dak bil-gurnata f'perijodu meta l-Kumpanija kellha nuqqas ta' xoghol.

2. Fil-fatt, wara li l-appellant ha xi "sick leave", fuq talba tieghu stess gie moghti xoghol ihfef izda xorta baqa bl-istess paga.

3. Kemm il-Foremen Agius u Sammut kif ukoll il-Managing Director ilmentaw ma l-appellant dwar nuqqas ta produzzjoni u wissewh biex itejjibha izda qalu li ma rrangax.

4. Meta l-Foreman Sammut kellmu ghax mar tard l-appellant heddu li jtih daqqa ta' ponn u jwaddbu l-bahar.

It-Tribunal ikkunsidra li fix-xhieda tieghu l-appellant ghamel hafna enfasi li r-rapporti dwar nuqqas ta' produzzjoni u lmenti ohra kienu saru ghaliex il-Foreman Sammut kien qabad mieghu. Hu sostna li l-Foreman ta qablu (Joe Agius) qatt ma lmenta minn xogholu u li l-Managing Director fil-fatt kien ifahharlu xogholu.

Fix-xhieda taghhom dawn it-tnejn qalu li kemm il-darba kellhom ghalfejn jilmentaw u jwissu lill-appellant. Fil-fatt fix-xhieda tieghu l-appellant jammetti li l-Managing Director kellmu kemm il-darba dwar nuqqas ta' produzzjoni u kwalita ta' xoghol. Il-Foreman Agius xehed li kemm il-darba wissa lill-appellant fuq nuqqas ta' produzzjoni kif ukoll ghax ma jsibux jaghmel xogholu. Xehed ukoll li kellu problemi ma l-appellant fuq xoghol Pinto Wharf u diversi drabi kellu jwissih. Dan il-post tax-xoghol kien wiehed minn dawk fejn il-Foreman Sammut irrapporta nuqqas ta' produzzjoni mill-

appellant kif ukoll dak fejn gie mhedded.

Fix-xhieda tieghu l-appellant jammetti li hedded lill-Foreman Sammut izda jghid li kien provokat minnu u li dan kien qabad mieghu. Jirrezulta li n-nuqqasijiet li lmenta fuqhom Sammut kienu generalment l-istess bhal dawk li lmentaw fuqhom il-Foreman Agius u l-Managing Director. Barra minn hekk kien hemm raguni valida, anzi kien dover tal-Foreman, li jwissi lill-appellant biex ma jmurx tard ghax-xoghol.

L-appellant xehed li meta kellem l-Managing Director, wara li haseb li kien keccieh il-Foreman Sammut, kien staqsih jekk iridx jerga jahdem maghom u hu wiegeb iva bil-patt li jitlaq Sammut. Meta qallu li dan mhux possibbli wiegeb li mela m'hemmx x'taghmel ghax ma jistax ikun li jibqa hemmhekk dment li jibqa Sammut.

L-appellant xehed ukoll li meta pulizija (li ma giex prodott bhala xhud ghax ma nstabx) wassallu risposta minn ghand il-Managing Director biex jerga jahdem mal-Kumpanija, hu qallu jghidlu li biex jahdem mieghu irid jitlaq Sammut.

It-Tribunal jikkonsidra li l-appellant kien gie ttrattat b'mod generuz mill-Kumpanija meta nghata xoghol ihfef u ta grad anqas izda baqa jgawdi l-istess paga. Hu jghid li l-Kumpanija riedet izommu izda jekk dan kien il-kaz ghamel kundizzjoni inaccettabli.

Kien hemm xhieda barra ta' Sammut dwar nuqqas ta' produzzjoni, kwalita ta' xoghol u attitudni negattiva mas-superjuri. Gie ppruvat li saret theddida ghalkemm mhux facli li wiehed jistabbilixxi b'certezza l-livell ta' gravita.

Wara li qies sewwa ix-xhieda , d-dokumenti u s-sottomissjiet it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li kien hemm nuqqasijiet minn naha ta' l-appellant, li ma giex pruvat li l-Foreman Sammut qabad ma l-appellant jew b'xi mod ipprovokah u li dan kien gustifikat li jwissih talli wasal tard ghax-xoghol.

It-Tribunal jirrimarka li kull xorta ta' theddida lill-superjur fil-qadi ta' dmirijietu hi ksur serju ta' dixxiplina u tista twassal ghal tkeccija. Anke jekk wiehed kellu jaccetta (li mhux il-kaz) l-argument ta' l-appellant li l-gravita tonqos meta wiehed jikkunsidra relazzjonijiet bejn nies fuq post tax-xoghol bhal "building site" jibqa l-fatt li assolutament ma riedx joqghod ghad-dixxiplina tal-Foreman u ppretenda li biex hu jibqa mal-Kumpanija dan kellu jitkecca. Ma jistax jigi accettat li haddiem jhedded superjur u anqas li jirrifjuta li jahdem tahtu.

It-Tribunal isib li ma giex ippruvat li l-appellant tkecca ngustament u ghalhekk ma jilqax it-talba tieghu.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

George Attard
Segretarju.